**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 18 ta' Frar, 2020

Rikors Numru: 398/19 AL

**A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettat:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena 1973 u liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, hekk skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ numru 725/1973 (Dok. A) , u mil-liema żwieġ il-partijiet kellhom tlett itfal D B, E B u F B, liema tfal illum kollha ghandhom aktar minn tmintax-il sena;

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza mogħtija minn din l-Qorti fl-erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena 2019 (Dok. B);

3. Illi l-partijiet ilhom jgħixu ħajja separata *de* facto minn Diċembru tas-sena 2008 u għalhekk ir-rikorrent huwa intitolat sabiex japplika għad-divorzju;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi bejn il-partijiet ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti dwar manteniment;

6. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab ghar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni li lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-ħall taż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Marzu tas-sena 1973;
2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jirreġistra d-divorzju u/jew il-ħall taż-żwieġ fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 42 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi għalkemm huwa minnu li l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Ġunju 2019, il-partijiet għadhom sallum ma ddividewx l-assi tagħhom u għad għandhom immobbli indiviżi bejniethom;

2. Illi ai termini tal-istess sentenza, il-partijiet rispettivi mhux l-inqas ir-rikorrent A B għad iridu jottempraw ruħhom mas-sentenza u hemm kwistjonijiet pendenti finanzjarji u kuntrattwali bejniethom;

3. Illi minkejja li r-rikorrent jiddikjara li l-partijiet ilhom separati de facto mill-2008, fir-realta' huwa kien telaq mid-dar matrimonjali f' Marzu 2014;

4. Illi madanakollu, f' Diċembru 2017 ir-rikorrent kien reġa avviċina lill-esponenti ghal skopijiet li jaf hu biss, u kien xtara fjuri, żifen, bies, għannaq u għen lill-esponenti tirranġa l-appartament li kienet għadha kif xtrat minn flusha;

5. Illi madanakollu, da parti tal-esponenti, ma hemmx prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni;

6. Illi l-esponenti umilment tirrileva li r-rikorrent għandu qabel xejn jirregola ruħu dwar is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2019 qabel javvanza b' dawn il-proċeduri għal divorzju.

7. Illi l-esponenti lanqas ma għandha tinkombi fuqha l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri li ġew intavolati mir-rikorrent fuq inizjattiva tiegħu stess.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob li din il-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet attriċi għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Settembru, 2019;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-Qorti rat li fir-risposta tagħha l-intimata qegħda toġġezzjona għal dan id-divorzju ghaliex skont hi, f’Dicembru 2017, ir-rikorrenti kien rega` avvicinaha u xtralha l-fjuri, żifen magħha, biesha, għannaqha u għenha tirranġa l-appartament li kienet għadha kif xtrat minn flusha. Madanakollu, da parti tagħha, ssottomettiet li ma hemm ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni;

L-intimata oġġezzjonat li jingħata d-divorzju peress illi ssottomettiet li r-rikorrenti għandu jirregola ruħu dwar is-sentenza tal 14 ta’ Gunju, 2019

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi sabiex tintlaqa` talba għal divorzju jridu jiġu sodisfatti tlett kundizzjonijiet, l-ewwel waħda hija li l-partijiet ikunu għexu għal aktar minn erba` snin separati minn ma xulxin;

Illi l-Qorti rat li l-partijiet isseparaw permezz ta’ sentenza mogħtija fl-14 ta’ Gunju, 2019. Madanakollu, jirrizulta mill-provi li l-partijiet kienu de facto separati ghal aktar minn erba` snin u minkejja illi r-rikorrenti ta fjuri lill-intimata u anka żifen magħha u biesha fl-aħħar tas-sena, wara li l-Qorti ezaminat ix-xiehda taż-żewġ partijiet, irrizulta illi ma kien l-ebda relazzjoni intima bejn il-partijiet u għalhekk effettivament il-partijiet kienu de facto separati għal aktar minn erba` snin, kif trid il-liġi.

Illi jirriżulta wkoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u dana anka rrizulta mix-xiehda tal-partijiet;

Illi rigward manteniment, is-sentenza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet tipprovdi b’mod mill-aktar ċ-ċar li r-rikorrenti m’huwiex obbligat jgħaddi manteniment lill-intimata u għalhekk dan ir-rekwizit gie wkoll sodisfatt;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur

tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.